MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 341/2011

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

1. Illi fit-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elfejn u disa' (2009) welldet tifel, J, minn relazzjoni barra miz-zwieg mal-intimat;
2. Illi l-partijiet mhumiex qed jghixu flimkien u dan wara li l-esponenti hargitu mid-dar bl-ghajnuna tal-Pulizija esekuttiva ta' Malta kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;
3. Illi l-intimat hu bniedem aggressiv u hi issubiet incident ta' vjolenza anke waqt it-tqala. Meta harget tqila ma riedx tarbija u kien jagixxi b'mod li seta' ikorriha. Per

ezempju, meta kien jehodha bil-karozza, kien jghaddi apposta minn go toroq skabruzi u mimlijin b'hotob, isuq bl-addocc biex itiha il-keded. Darba minnhom, fil-fatt, spiccat l-Isptar. Kien meta sar jaf mill-ultrasound test li t-tarbija kien tifel li accetta it-tqala u waqaf minn dan l-agir perikoluz;

4. Illi inoltre l-istess intimat, li hu ta' Nazzjonalita Sirjana, ma kellux permess biex jirrisjedi Malta tant li kellu ordni biex jitlaq minn Malta mid-Dipartiment tac-Cittadinanza u Emigrazzjoni. Mhux l-ewwel darba li sahansitra heddidha li ghandu il-mezzi biex johrog it-tifel mill-pajjiz sabiex ma tarahx izjed. Ghalhekk ghandha biza kbira u ragunata li jekk jiehu it-tifel minghajr supervizzjoni jista jiehdu barra mill-pajjiz u ma jirritornahx izjed;

5. Illi inoltre l-istess intimat qed jigi investigat minn diversi Spetturi tal-Pulizija senjatament l-Ispettur Anthony Cassar, l-Ispettur Therese Sciberras, l-Ispettur Fabian Fleri u l-Ispettur Jesmond Borg u ingiebu akkuzi kontrih kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

6. Illi l-minuri ilu fil-kura u kustodja kostanti tal-esponenti li wahidha qed tiehu id-decizjonijiet kollha mehtiega ghall-kura u ghat-trobbija tieghu. L-intimat mhux qed jassumi ebda responsabbilita' ta' missier u mhu qed jikkontribwixxi xejn ghall-manteniment tal-minuri. Fl-atti tal-medjazzjoni stqarr mal-Qorti li ghandu sitt itfal f'pajjizu u talab sahansitra li l-manteniment jonqos. Minkejja dan ma versa ebda ammont;

7. Illi fil-mori tal-medjazzjoni istitwita kontriha minn C D (Itt 395/2011) din l-Onorabbli Qorti ordnat li ikollu access ghall-minuri b'supervizjoni kif ukoll illikwidat retta aliminetarja li ghandu jithallas lilha ghall-minuri fl-ammont ta' €233 fix-xahar. Minkejja dan id-Digriet, l-istess intimat ma resaqx ghall-access u ma hallas ebda manteniment. Id-Digriet ta' access b'supervizjoni rega' gie ikkonfermat b'Digriet iehor ta' din l-Onorabbli Qorti;

8. Illi l-esponenti ippresentat ittra ta' medjazzjon fl-istess ismijiet hawn fuq premessi. L-intimat ma attendiex ghas-seduti u l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi kontrih skond il-Ligi (Dok A);

9. Illi l-esponenti qed tressaq dawn il-proceduri ghall-affidament tal-minuri kif ukoll sabiex l-intimat jigi dikjarat li ghandu jitlef l-awtorita tal-genitur, u dan fl-ahjar

interess tal-minuri. L-esponenti tixtieq li ikollha l-awtorita hi biex tiehu dawk id-decizjonijiet kollha, anke ta' natura straordinarja, li jirrigwardaw il-minuri skond il-Ligi;
10. Ghalhekk qed isiru dawn il-proceduri bl-ispejjez kontra l-intimat;

Talbet li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1) Taffida il-kura u l-kustodja tal-minuri J Al D esklusivament lir-Rikorrenti omm b'dawk il-modalitajiet ta' access, inkluz access b'supervizjoni, li joghobha tordna fl-ahjar interess tal-minuri u bil-kawteli kollha mehtiega sabiex il-minuri ma jinharigx mill-pajjiz mill-istess intimat;
2) Tordna li ir-residenza tal-minuri ghandha tkun f'Malta;
3) Tisvesti lill-intimat mill-awtorita tal-genitur a tenur tal-Artikolu 154 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' disposizzjonijiet ohra rilevanti u applikabbli fl-interess suprem tal-minuri u tvesti l-awtorita tal-genitur eklusivament f'idejn l-istess esponenti A B sabiex ikollha id-dritt, responsabbilita u awtorita li tiehu dawk id-decizjonijiet kollha ordinarji u straordinarji ghall-binha minuri, inkluz dawk ghat-trobbija, edukazzjoni, sahha u religjon tieghu fl-ahjar interess tat-tifel b'dawk il-modalitajiet kollha li jidhrilha xierqa u opportuni;
4) Tawtorizzaha tghammed lit-tifel bhala Kattoliku;
5) Tiffissa retta alimentarja ghat-tifel minuri u tordna lill-konvenut sabiex ihallasha dik ir-retta hekk stabbilita ghall-minuri skond il-Ligi inkluz spejjez ghall-edukazzjoni u sahha inkorsi ghall-minuri, u bil-provvediment ghal zieda perjodika annwali sabiex taghmel tajjeb ghaz-zieda fl-gholi tal-hajja u ordni ghall-hlas tal-manteniment hekk ordnat direttament mill-paga tal-konvenut skond ic-cirkostanzi tal-kaz;
6) Tikkundanna lill-intimat ihallasha l-arretrati kollha lilha dovuti bhala manteniment ghall-minuri kif ukoll ghall-ispejjez minnha inkorsi mid-data li fiha telaq mir-residenza tal-esponenti f'ammont li jigi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-intimat inkluz dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni fl-ismijiet A B pro et noe vs C D – ingunt minn issa stess in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li i*n forza* taghha huwa eccepew:

Illi l-kuraturi ghamlu bosta tentattivi sabiex jikkuntattjaw lis-socjetajiet intimati, pero' sallum dawn it-tentattivi ghad ma kellhomx ezitu posittiv u ghalhekk m'humiex edotti ghal fatti ta' kaz;

Ghaldaqstant f'kaz li jirnexxielhom jaghmlu kuntatt jisservaw li, bl-awtorizazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jipprezentaw eccezzjonijiet f'stadju ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Gunju 2012 li permezz tieghu hatret lil Dr. Abigail Galea bhala perit legali f'din il-kawza, bis-soliti fakoltajiet.

Rat ir-rapport tal-Perit legali, minnha pprezentat u kkonfermat bil-gurament fit-13 ta' Marzu 2013.

Rat illi l-avukat difensur tal-attrici ddikjarat illi taqbel pjenament mar-rapport tal-perit legali.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti se tirriproduci l-provi migbura mill-perit legali kif irrappurtat il-perit legali fir-rapport taghha, kif gej:

**<u>"Il-Provi Miġbura</u>**

Illi l-esponenti tirrileva li fil-mori tal-kawża kienet ir-rikorrenti biss li preżentat il-provi tagħha. Dan qiegħed

jingħad anke fl-isfond tal-verbal tal-5 ta’ Novembru 2012 fejn Dr. Cedric Mifsud fil-kapaċita’ tiegħu ta’ Kuratur Deputat in rappreżentanza tal-intimat assenti ddikjara li m’għandux provi xi jressaq.

Issir referenza għad-dokumenti esebiti mar-rikors tal-attriċi datat il-25 ta’ Mejju 2012 u ċioe’:

- **Dok. YB1 – YB2**: Dokumenti li juru li l-intimat assenti ġie preżentat taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja talli fost akkużi varji u ta’ gravita’ differenti, ikkorrompa lil Mary Lourdes B kif ukoll hebb u hedded lir-rikorrenti A B;

Illi ssir referenza għan-nota tar-rikorrenti preżentata waqt is-seduta miżmuma quddiem l-esponenti datata t-13 ta’ Lulju 2012 u li permezz tagħha ġew preżentati żewġ affidavits u ċioe’ dak tar-rikorrenti stess u dak ta’ Pauline Calamatta;

Illi permezz tal-affidavit tagħha r-rikorrenti tirrileva li ltaqgħet mal-intimat assenti f’Ottubru 2006 fil-bandli ta’ Wied il-Għajn. Għalkemm l-intimat kien jiġri warajha biex tkellmu, ir-rikorrenti ma kienetx tagħtih wiċċ peress li kienet għaddejja minn proċeduri ta’ separazzjoni minn mar-raġel tagħha. Iżda mbagħad, fi żmien meta l-istess rikorrenti kienet għaddejja minn perjodu finanzjarju ferm ħażin (proprju minħabba s-separazzjoni ta’ bejnha u r-raġel tagħha), l-intimat ħataf l-okkażjoni biex jibda jkellimha u taha Lm100 biex jgħinha. Fetaħ qalbu magħha u stqarr magħha li kellu 5 itfal minn martu li hija wkoll ta’ nazzjonalita’ Sirjana iżda li kien separat minnha. Ġew skambjati n-numri u ftit taż-żmien wara, f’Novembru 2006 krielha appartament fil-Qawra u minn hemm bdiet ir-relazzjoni intima tagħhom.

Għall-ewwel tliet xhur tar-relazzjoni tagħhom, kollox kien sew iżda l-problemi bdew ifeġġu hekk kif ir-rikorrenti ġietha opportunita’ ta’ xogħol għaliex l-intimat assenti bl-ebda mod ma riedha timpjega ruħha minkejja li t-tnejn li huma kienu mingħajr xogħol. Malli r-rikorrenti webbset rasha u sabet impjieg ta’ ftit siegħat filgħodu, l-intimat assenti ta daqqa ta’ ħarta kbira, benġlilha wiċċha u

diżlokalha għonqha bid-daqqa. Dan kien l-ewwel att ta' vjolenza li kkommetta l-intimat fuq ir-rikorrenti. Wara li wrieha kemm kien dispjaċut, wara li talabha maħfra u wara li wiegħda li m'hux ser jerġa' jkun vjolenti magħha, r-rikorrenti, għax kienet tħobbu, ħafritlu.

Għaddew ix-xhur u l-intimat wera x-xewqa li jmur jara lil uliedu ġewwa s-Sirja. Ir-rikorrenti tatu xi flus li kienu ġew għandha mis-separazzjoni personali ta' bejnha u bejn żewġha imma meta ġie lura, rċeviet telefonata li permezz tagħha ġiet infurmata li mhux minnu li Jehad kien separat minn mal-mara tiegħu, anzi kienet ħarġet tqila wara l-mawra tiegħu fis-Sirja. Meta kkonfrontatu dwar dan, l-intimat ma ċaħadx għalkemm beda jġib ħafna skużi u temmet ir-relazzjoni ta' bejniethom. Wara tliet ġimgħat, l-intimat reġa' beda jagħmel kuntatt magħha, skuża ruħu u wiegħdha li kien ser jibda l-proċeduri biex jissepara minn ma' martu ġewwa s-Sirja. Peress li kienet tħobbu, reġgħet ħafritlu u tatu ċans. Minkejja dan, il-ġlied u l-argumenti ta' bejniethom qatt ma waqfu tant li fl-istess argumenti kien jintimidaha billi jirrakkontalha kif lil martu ġewwa s-Sirja kien jorbotha bil-*wire* u jtiha bil-katina.

F'Diċembru 2006 ir-rikorrenti ħarġet tqila iżda r-reazzjoni tal-intimat assenti tant kienet ħażina li għamlu ġurnata sħiħa jargumentaw u meta ħarġu filgħaxija, beda jsuq b'manjiera perikoluża u bi *speed* eċċessiv filwaqt li f'ħin minnhom fetaħ il-bieba tal-passiġġier fejn kienet bilqiegħda u imbuttaha barra mill-karozza għalkemm baqgħet iżżomm mal-bieba tal-karozza waqt li l-intimat baqa' jsuq u konsegwenza ta' dan, instabtet mat-*tarmac*. Bħala konsegwenza ta' dan l-inċident, ir-rikorrenti tilfet it-tarbija tagħha. Il-vjolenza kommessa mill-intimat versu r-rikorrenti baqgħet kostanti tant li darba fost l-oħrajn ikkaġunalha disabilita' permanenti f'widnejha u ttieħdu passi kriminali kontra l-intimat kif jirriżulta mill-istralċ tal-gazzetta esebit in atti mar-rikors tar-rikorrenti datat il-25 ta' Mejju 2012. Minkejja dan kollu, r-rikorrenti xorta waħda reġgħet ħafret lill-intimat tant li kienet hi li ħallset il-*pledge* biex ikun jista' joħroġ mill-Ħabs.

Sussegwentement, ir-rikorrenti semgħet konversazzjoni tal-intimat ma' martu fejn skopriet li minn dejjem kellu l-intenzjoni li jġemma biżżejjed flus biex jerġa' jmur lejn is-Sirja u kien f'dan il-punt li hi rrealizzat li kien ilu jużaha għal dak iż-żmien kollu għall-flus u meta kkonfrontatu dwar dan, l-intimat ma ċaħadx.

Ftit tal-ġranet wara, r-rikorrenti skopriet li reġgħet kienet ħarġet tqila u għal darb'oħra l-intimat reġa' prova jagħmel minn kollox biex tkorri t-tarbija. Wara tliet xhur ta' vjolenza li permezz tagħha l-intimat kien anke jġiegħla tieħu ħafna pilloli u tixrob taħlita ta' spirti u kimiċi diversi, r-rikorrenti temmet ir-relazzjoni ta' bejniethom u kompliet it-tqala tagħha waħedha. Wara t-twelid tat-tifel J, ir-rikorrenti reġgħet tat ċans ieħor lill-intimat bit-tama li jibnu relazzjoni fl-aħjar interessi tal-minuri iżda din it-tama sfaxxat fix-xejn għaliex il-vjolenza ta' Jehad ma kellhiex limiti tant li darba minnhom anke ħaraq lit-tifel b'sigarett. Wara argument sħun li seħħ fil-preżenza tal-minuri, r-rikorrenti ddeċidiet li kellha ttemm ir-relazzjoni ta' bejniethom speċjalment għaliex irrealizzat li binha kien ser ikun affettwat minn din il-vjolenza da parti ta' missieru. L-għada, sabet il-karozza tagħha mibruxa.

Hekk kif l-intimat irrealizza li r-rikorrenti ma kellha ebda intenzjoni li terġa' tmur miegħu, qallha l-preċiżi kliem "***Lili ma titlaqnix, jien noqtlok, inqattgħek biċċiet, naħbik taħt il-madum tad-dar u meta l-Pulizija jsibuk, jien u t-tifel inkunu diġa' wasalna s-Sirja u lil ommok irrid nara tibki d-demm***"[1]. Minn dakinhar, ir-rikorrenti tgħid li bdiet tiġġieled għall-kura u l-kustodja tat-tifel. Min-naħa tiegħu, l-intimat assenti, skond dak li tgħid ir-rikorrenti, qatt ma ħallas xi forma ta' manteniment għal ibnu. Iżda minkejja dan, xorta kien jheddidha li kien ser jiħdilha t-tifel għax dan tal-aħħar għandu "***demmu Musulman***" u "***demmu Għarbi***"[2] u li għalhekk, hu kellu dritt fuqu filwaqt li hi m'għandha ebda dritt.

---

[1] Ara paġna 3 tal-affidavit tar-rikorrenti

[2] Ara paġna 4 tal-affidavit tar-rikorrenti

Ir-rikorrenti tagħlaq l-affidavit tagħha billi tgħid li taf b'ċertezza li Jehad ħarab minn Malta u mar f'pajjiżu s-Sirja għaliex darba fost l-oħrajn ċemplilha (u indunat li n-numru kien abbinat mal-prefiss tas-Sirja) u semgħet leħen jgħidilha "***jien anke minn hawn noqtlok u nieħu t-tifel***"[3]. Wara din it-telefonata, r-rikorrenti għamlet rapport l-għassa u ġie kkonfermat li Jehad kien ħarab minn Malta.

L-esponenti tagħmel referenza wkoll għall-affidavit ta' Pauline Calamatta li tiġi omm ir-rikorrenti. Tispjega li kif bintha kienet f'relazzjoni mal-intimat, rat bidla fiha tant li minn tfajla simpatika li tkompli man-nies, kienet saret riservata għall-aħħar, mhux kuntenta u ma baqgħetx tiftaħ qalbha. Minkejja s-suspetti tagħha li bintha kienet qed tiġi abbużata minn Jehad minħabba t-tbenġil li kienet qed tara fuqha, ir-rikorrenti bintha, sforz tal-biża' li kellu minnu, kienet taħbilu billi tgħid li kienet ħabtet xi mkien. Is-suspetti tagħha kkonfermathom nhar id-9 ta' Ġunju 2007 meta bintha marret tħabbat mal-bieb tagħha u kienet mimlija demm u daqqiet wara xeba' li kien taha Jehad. Omm ir-rikorrenti tispjega li x-xena li rat quddiemha kienet waħda impressjonanti. Id-daqqiet li ta tant kienu b'saħħithom li r-rikorrenti għamlet taħtha. Ħaditha l-isptar u ttieħdu passi kontra Jehad u saħansitra spiċċa l-Ħabs. Ix-xhud tirrakkonta episodju wkoll meta t-tifel kien qiegħed man-nannu matern. Jehad feġġ minn fejn kien mistoħbi u prova jieħu t-tifel iżda ma rnexxilux tant li spiċċa bi proċeduri kriminali oħra kontra tiegħu minħabba dan l-inċident. Ix-xhud tagħlaq billi tgħid li taf biċ-ċert li l-intimat ma jinteressahx mit-tifel iżda jaf li t-tifel huwa biss strument li permezz tiegħu jista' jweġġa' lil bintha u xejn aktar. Tikkonferma li tant m'għandux interess fih li lanqas biss jikkontribwixxi b'mod finanzjarju għalih (kif wara kollox qatt ma għamel) u tkun l-istess xhud li tgħin lir-rikorrenti biex tmantni lilha nnifisha u lill-minuri.

Illi l-esponenti tagħmel referenza wkoll għax-xhieda tal-Ispettur Frankie Sammut[4] fejn jippreżenta l-fedina penali tal-intimat (**Dok. FS1** esebit in atti – liema fedina penali

[3] Ara paġna 4 tal-affidavit tar-rikorrenti

[4] Ara x-xhieda tiegħu datata t-12 ta' Settembru 2012 quddiem l-esponenti

m'hijiex netta minħabba kwistjonijiet ta' *overstay* tant li tirriżulta ordni għal tkeċċija mill-pajjiż) u tlettax –il rapport li l-stramaġġoranza tagħhom saru mir-rikorrenti kontra l-intimat[5].

Issir referenza wkoll għax-xhieda ta' Sean Meli bħala *supervisor* fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ bħala persuna responsabbli għall-aċċess li jsir u jippreċiża li kien ikun preżenti meta l-intimat kien jeżerċita d-dritt tiegħu ta' aċċess fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ. **Dok. SM1** esebit in atti jagħti spjegazzjoni tal-andament tal-aċċess. Ix-xhud jispjega li fil-bidu, r-relazzjoni ta' bejn il-missier u l-iben ma kienitx waħda "***ideali***" għaliex it-tifel kien ġieli jagħti bis-sieq lil missieru. Jispjega li l-intimat kien jistaqsi b'mod esaġerat li saħansitra jispiċċa jiffitta t-tifel stess meta jistaqsih dwar x'kunjomu (fil-kuntest li dak iż-żmien il-minuri kien qiegħed jgħid li kunjomu Calamatta u mhux Al D u l-intimat xejn ma kien jieħu pjaċir). Ix-xhud isemmi wkoll episodju fejn il-minuri tefa' *mobile* 'il barra mit-tieqa waqt l-aċċess ma' missieru u episodju ieħor fejn l-intimat kellu argument man-nannu materna tal-minuri. Dan kollox hu dokumentat f'**Dok. SM1**.

L-Spettur Nezren Grixti jikkonferma li l-intimat daħal f'Malta b'*visa* valida nhar id-29 ta' April 2009 u din hija l-aħħar informazzjoni uffiċċjali fuq l-istess intimat għaliex dan huwa l-aħħar *movement* fuq is-sistema, minkejja li mill-fedina penali jirriżulta li kien hemm ordni ta' tkeċċija mill-pajjiż.

Ix-xhud Mark Sultana in rappreżentanza tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u li ta x-xhieda tiegħu nhar il-25 ta' Ottubru 2012[6] jgħid li fis-sena 2007, l-intimat kien għamel talba lill-ETC sabiex ikun jista' jġedded il-permess tax-xogħol tiegħu. Ix-xhud isemmi wkoll ittra da parti tar-rikorrenti li permezz tagħha tiddikjara li qed tagħmel tajjeb b'mod finanzjarju għall-istess intimat. Sussegwentement, preċiżament fit-30 ta' April 2007, id-dipartiment irċieva informazzjoni da parti tal-istess rikorrenti li hi u l-intimat

[5] Ara **Dok. FS2 – FS14** esebiti fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2012 quddiem l-esponenti

[6] Liema xhieda saret quddiem l-esponenti

ma kienux qed jgħixu flimkien. Minkejja ittra da parti tar-rikorrenti fejn talbet *extension* sabiex hi u l-intimat ikunu jistgħu jiżżewġu, fuq struzzjonijiet tal-Pulizija jew aħjar rakkomandazzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija, d-dipartiment ġie nfurmat li l-initmat kien ġie arrestat u li "***residence permit should be refused***"[7]. Fl-istess ġurnata r-rikorrenti, flimkien ma' ommha ġew id-dipartiment fejn infurmaw li l-intimat sawwat lir-rikorrenti u kkaġunalha ġrieħi gravi u jsemmi wkoll *cutting* ta' gazzetta fejn issir referenza għal arrest preventiv b'akkuża li kkorrompa tifla ta' 14 –il sena li huwa l-intimat innifsu[8].

L-esponenti tagħmel referenza wkoll għan-nota tar-rikorrenti mmarkata bħala **Dok. YC1**[9] u li permezz tagħha ġew preżentati kopji tal-akkużi miġjuba kontra l-intimat assenti minn diversi Spetturi tal-Pulizija kif ukoll estratt minn gazzetta lokali li rrapportat tali proċeduri kontra l-istess intimat assenti."

Illi peress illi l-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet illi waslet ghalihom il-perit legali fir-rapport taghha, il-Qorti qeghda taddotta l-istess relazzjoni u taghmilha bhala taghha. Ghalhekk il-Qorti qeghda tirriproduci s-segwenti konkluzjonijiet maghmula mill-perit legali.

**"<u>Dwar l-Ewwel Talba</u>**

Illi l-esponenti tagħmel referenza għar-rikors intavolat mir-rikorrenti datat il-25 ta' Mejju 2012 u li permezz tiegħu (fost talba oħra) talbet li *pendente lite* u kemm il-darba tiġi miċħuda l-ewwel talba (li kienet relatata mat-talba li l-intimat jiġi svestit mill-awtorita' ta' ġenitur a tenur tal-Artikolu 154 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta), r-rikorrenti tiġi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri Yousef

---

[7] Ara x-xhieda ta' Mark Sultana datata l-25 ta' Ottubru 2012 quddiem l-esponenti

[8] Għal kull buon fini l-esponenti tagħmel referenza wkoll għal Dok. AK3 esebit man-nota mmarkata bħala **Dok. YC1**, liema dokument juri li l-intimat verament kien akkużat li kkorrompa lil Mary Lourdes B li hija persuna taħt l-eta' u tas-sess oppost

[9] Liema nota ġiet preżentata mir-rikorrenti nhar il-25 ta' Ottubru 2012 waqt seduta miżmuma quddiem l-esponenti

Al D, liema talba ġiet milqugħa permezz ta' digriet datat l-20 ta' Ġunju 2012.

Illi l-esponenti tagħmel referenza wkoll għan-nota tar-rikorrenti datata t-30 ta' Ottubru 2012 u li permezz tagħha r-rikorrenti ddikjarat li qiegħda tvarja u tibdel f'dik illi jirrigwarda l-ewwel talba tar-rikors ġuramentat intavolat quddiem din l-Onorabbli Qorti billi tirtira l-ewwel talba in kwantu referibbli u limitatament għal dak relatat mal-aċċess tal-minuri J Al D u tibqa' żżomm ferm ir-rimanenti l-ewwel talba u ċioe' dak in kwantu referibbli għall-attriċi li għandha tiġi fdata esklussivament il-kura u l-kustodja tal-istess minuri.

Illi l-esponenti tirrileva li talbiet relatati mal-kura u l-kustodja tal-minuri għandhom dejjem jiġu deċiżi skond il-prinċipju ta' x'inhu fl-aħjar interessi tal-minuri. F'dan l-istadju l-esponenti tagħmel referenza għall-kawza fl-ismijiet **M. B vs Onor J. Raynaud**[10] fejn ġie dikjarat li ***"Il-prinċipju li għandu jipprimeġġja, meta l-Qorti tiġi biex tagħti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suġġerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għall-interess tal-istess tfal"*** kif ukoll għall-kawża fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon**[11] u **Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino**[12] fejn ġie ritenut li ***"r-regola ġenerali f'din il-materja hi l-aħjar interess u vantaġġ tat-tfal"***.

Tenut kont ta' dak suespost, jirriżulta allura li l-esponenti trid neċessarjament tasal għall-konklużjoni tagħha dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri J skond il-prinċipju tal-aħjar interessi tiegħu. Huwa minnu li l-intimat huwa assenti u konsegwentement m'hemmx kontro-talba da parti tiegħu sabiex jingħata l-kura u l-kustodja tal-istess minuri iżda dan ma jfissirx li d-deċiżjoni relatata mal-kura u l-kustodja għandha neċessarjament tingħata lil dik il-parti li tkun qed titlobha (speċjalment fl-assenza tal-ġenitur l-ieħor) għaliex

[10] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1947, Vol. 33D 1947

[11] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1972

[12] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1972

huwa fid-dover u fl-obbligu tal-Onorabbli Qorti li tasal għal tali deċiżjoni skond dak li huwa fl-aħjar interessi tal-minuri. Minkejja dan kollu, l-esponenti, wara li rat id-diversi dokumenti preżentati relatati mal-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra l-intimat, wara li semgħet (u dan huwa kkorraborat bix-xhieda ta' Sean Meli in rappreżentanza tal-Aġenzija Appoġġ li kien preżenti għall-aċċess ta' bejn l-intimat u l-minuri u konsegwentement seta' jara l-aġir taż-żewġ partijiet fil-preżenza ta' xulxin) u wara li rat ix-xhieda kemm tar-rikorrenti u kemm ta' ommha, hija tal-umli opinjoni li hu fl-aħjar interessi tal-minuri li r-rikorrenti tkun fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri J b'mod esklussiv. Dan qiegħed jingħad ukoll għaliex l-esponenti m'għandha ebda raġuni għala ma tagħtix kredibilita' lil dak li ssostni permezz tal-affidavit tagħha. Anzi kollox jindika li l-intimat mhux biss huwa raġel vjolenti iżda huwa raġel li m'għandux l-aħjar interessi tal-minuri għal qalbu. Li kieku dan kien minnu, għall-anqas kien jipprova jagħmel sforz biex jissoministra xi forma ta' manteniment għal ibnu jew jagħmel kuntatt miegħu. Dan ma jirriżultax li sar miż-żmien li l-intimat ħarab minn Malta, anzi l-uniku kuntatt li għamel mar-rikorrenti kien permezz ta' telefonata fejn heddidha li anke minn barra minn Malta seta' jagħmilha l-ħsara u jiħdilha t-tifel. Huwa f'dan il-kuntest ukoll li l-esponenti ssostni li huwa fl-aħjar interessi tal-minuri li tkun fdata esklussivament bil-kura u l-kustodja tal-minuri *stante* li dan ikun ukoll ta' protezzjoni għall-istess minuri minn xi attentat ta' ħtif tal-istess minuri da parti tal-intimat missieru.

**<u>Dwar it-Tieni Talba</u>**

Illi t-tieni talba hija relatata mar-residenza tal-minuri li skond ir-rikorrenti għandha tkun f'Malta. L-esponenti tirrileva li *stante* li jirriżulta li huwa fl-aħjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun fdata b'mod esklussiv f'idejn ir-rikorrenti (hekk kif ċitat aktar 'il fuq) u *stante* li jirriżulta li r-rikorrenti m'għandha ebda intenzjoni li ssiefer barra minn Malta (u dan qiegħed jingħad għaliex fil-mori tal-kawża, r-rikorrenti m'għamlet ebda aċċenn għal xi forma ta' intenzjoni li tmur tgħix barra minn Malta), l-esponenti ma tara ebda raġuni valida għala din it-talba

m'għandhiex tiġi milqugħa. Dan qiegħed jingħad ukoll in vista tal-fatt li l-intimat assenti jinsab barra minn Malta u tul is-snin, hedded lir-rikorrenti kemm –il darba li kellu kull intenzjoni li jieħu lit-tifel barra minn Malta. Għalhekk f'dan il-kuntest u fil-kuntest ta' ħtif ta' tfal (li fi proċeduri ta' dik in-natura wieħed mill-elementi kruċjali tagħhom huwa fil-fatt ir-residenza tal-minuri), l-esponenti tħoss li huwa wkoll fl-aħjar interessi tal-minuri li r-residenza tal-minuri tkun f'Malta.

**<u>Dwar it-Tielet Talba</u>**

Permezz tat-tielet talba tagħha r-rikorrenti qed titlob li l-intimat jiġi svestit mill-awtorita' ta' ġenitu a tenur tal-Artikolu 154 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal kull buon fini l-esponenti tirrileva li l-Artikolu 154 tal-Kap. 16 hawn fuq imsemmi jgħid hekk:

154. (1) "***Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:***

***(a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies, jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;***

***(b) jekk l-imġieba tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel;***

***(ċ) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inklużivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;***

***(d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;***

***(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel***".

Jiġi rilevat li l-Artikolu 3B li jagħmel referenza għalih l-Artikolu 154 hawn fuq ċitat jgħid hekk:

3B. (1) "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied***".

L-esponenti tirrileva li huwa minnu li l-partijiet fl-ismijiet premessi m'humiex miżżewġin, pero' n-nuqqas taż-żwieġ ma jfissirx li wieħed mill-ġenituri jista' jfarfar mir-responsabbilita' tal-ulied. Dan qiegħed jingħad ukoll in vista tal-fatt li tul is-snin, il-leġislatur Malti saħaq u għamel diversi emendi neċessarji fil-liġi ta' Malta biex id-distinzjoni ta' bejn wild mwieled fiż-żwieġ u wild mwieled barra ż-żwieġ tiġi eliminata. Dan neċessarjament ifisser li kull ġenitur (irrispettivament jekk il-wild twelidx fiż-żwieġ jew le) għandu l-obbligi msemmija fl-Artikolu 3B ċitat aktar 'il fuq versu wliedu.

Tenut kont tal-Artikoli hawn fuq ċitati u tenut kont tal-provi kollha miġjuba fil-mori tal-kawża, l-esponenti hija tal-fehma li:

(1) *Stante* li l-intimat ħarab minn Malta u abbanduna lill-ibnu b'tali mod li ilu ma jagħmel kuntatt miegħu għal diversi xhur;

(2) *Stante* li l-intimat aġixxa b'tali mod li kkommetta vjolenza fuq ir-rikorrenti kif ukoll fuq terzi (u l-esponenti tagħti kredibilita' assoluta lir-rikorrenti dwar dan anke in vista tan-numru ta' proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tiegħu);

(3) *Stante* li l-intimat jirriżulta li naqas milli jieħu ħsieb lil ibnu kemm b'mod finanzjarju kif ukoll minn lat ta' edukazzjoni

Allura hemm lok li jiġi applikat l-Artikolu 154 tal-Kap. 16 kontra l-istess intimat *stante* li dak kontemplat fis-subinċiż (a), (b) u (e) tal-istess Artikolu ġew pruvati sal-grad rikjest mil-liġi. L-esponenti tirrileva li jkun inġust u ċertament

mhux fl-interessi tal-minuri li l-intimat jibqa’ jkollu xi forma ta’ awtorita’ fuq l-istess minuri u jipprova juża din l-istess awtorita’ biex jipprova jieħu vantaġġ fuq ir-rikorrenti u fuq il-minuri, meta kienet biss l-istess rikorrenti li ħadet ħsieb lill-minuri, mantnietu u edukatu fl-assenza tal-intimat missieru.

Illi l-esponenti f’dan l-istadju tagħmel referenza għar-rikors intavolat mir-rikorrenti datat il-25 ta’ Mejju 2012 u li permezz tiegħu (fost talba oħra) talbet li *pendente lite* l-intimat jiġi svestit mill-awtorita’ ta’ ġenitur a tenur tal-Artikolu 154 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta u ta’ disposizzjonijiet oħra rilevanti u applikabbli fl-interess suprem tal-minuri u tvesti l-awtorita’ ta’ ġenitur esklussivament f’idejn ir-rikorrenti, liema talba ġiet miċħuda permezz ta’ digriet datat l-20 ta’ Ġunju 2012. Huwa minnu li din it-talba ġiet miċħuda mill-Onorabbli Qorti fil-mori tal-kawża pero’ l-esponenti umilment tħoss li dan kien ferm għaqli da parti tal-Onorabbli Qorti għaliex huwa fid-dawl tal-provi kollha preżentati in atti li deċiżjoni ta’ din il-portata għandha tittieħed. Dan qiegħed jingħad ukoll fil-kuntest tal-fatt li wara li jiġu preżentati l-provi kollha, l-Onorabbli Qorti tkun tista’ tevalwa s-sitwazzjoni b’mod ħolistiku. Barra minn hekk, fil-mori tal-kawża ma kienx hemm in-neċessita’ li tali talba tkun milqugħa, anke jekk proviżorjament għaliex l-intimat mhux preżenti f’Malta u fuq kollox, ir-rikorrenti kienet diġa’ ġiet fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri *pendente lite*.

Fid-dawl tal-provi kollha miġbura, speċjalment fid-dawl tal-fatt li l-intimat abbanduna lil ibnu u ħalla lir-rikorrenti tfendi waħedha biex tmantni u tgħajjex lill-istess minuri kif ukoll in vista tal-fatt li jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-intimat huwa raġel ta’ karattru vjolenti (li mix-xejra tal-istess karattru jista’ faċilment jagħti eżempju ħażin lill-istess minuri), l-esponenti hija tal-umli opinjoni li hemm il-provi neċessarji sabiex jiġi applikat l-Artikolu 154 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta kontra l-intimat. *Di piu’* hekk kif ġie ċitat aktar ‘il fuq, l-esponenti hija tal-opinjoni li r-rikorrenti għandha tiġi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri u konsegwentement ikun ġust u eksu li l-awtorita’ ta’ ġenitur tkun vestita wkoll esklussivament f’idejn ir-rikorrenti u dan

għar-raġunijiet imsemmija aktar ‘il fuq u fuq kollox fl-aħjar interessi tal-minuri.

**Dwar ir-Raba’ Talba**

Illi l-esponenti tirrileva li permezz tar-raba’ talba fir-rikors promotur, ir-rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tgħammed lill-minuri J bħala Kattoliku. L-esponenti tagħmel referenza għall-verbal tat-12 ta’ Marzu 2012 fejn ir-rikorrenti għamlet tali talba *seduta stante* peress li rriżulta li ġie ddikjarat li l-intimat jinsab maħrub mill-Gżejjer ta’ Malta u din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba. Konsegwentement, nhar l-14 ta’ Marzu 2012 l-esponenti ġiet awtorizzata tgħammed lill-minuri mingħajr il-ħtieġa tal-awtorizzazzjoni tal-missier. Dan neċessarjament ifisser li r-raba’ talba tar-rikorrenti issa hija deċiża u milqugħa u konsegwentement l-esponenti ser tastjeni milli tkompli telabora u tieħu konsiderazzjoni tal-istess talba.

**Dwar il-Ħames Talba**

L-esponenti tagħmel referenza għad-Digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti datat it-8 ta’ Mejju 2011 li ssemmi r-rikorrenti fejn l-intimat ġie ordnat iħallas is-somma ta’ €233 fix-xahar bħala manteniment għall-minuri. Issir referenza wkoll għad-Digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti datat il-5 ta’ Lulju 2011 fejn l-istess manteniment ġie ridott għas-somma ta’ €140 fix-xahar.

L-esponenti tirrileva li fil-mori tal-kawża ma ġie preżentat ebda dokument relattiv għall-introjtu tal-partijiet u għaldaqstant l-esponenti m’għandha ebda mezz ta’ kif tistabbilixxi l-introjtu tagħhom. Iżda fin-nuqqas ta’ tali prova u fil-kuntest li fl-umli opinjoni tal-esponenti r-rikorrenti għandha tiġi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri, allura għandu jkun l-intimat li jħallas manteniment ġust versu ibnu l-minuri.

L-esponenti tagħmel referenza għal ġurisprudenza riċenti fosthom dik fl-ismijiet **Sandra Grech Vs Roderick**

**Cauchi**[13] fejn l-Onorabbli Qorti, anke wara li kkunsidrat li l-introjtu tal-intimat huwa wieħed baxx (u dan huwa applikabbli għall-każ odjern *stante* li ma hemm ebda prova dwar l-introjtu tal-intimat u għalhekk neċessarjament l-esponenti trid tieħu l-minimu tal-introjtu bħala bażi għat-talba ta' manteniment) waslet għall-konklużjoni li l-istess intimat għandu jħallas is-somma ta' €250 kull 4 ġimgħat *oltre* nofs l-ispejjeż tas-saħħa u l-edukazzjoni taż-żewġt ulied. Issir referenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet **Alison El Gamoudi f'isimha u għan-nom tal-ulied minuri Amy, Samira u Kyra aħwa El Gamoudi Vs Mustafa El Gamoudi**[14] fejn l-Onorabbli Qorti llikwidat il-manteniment dovut għat-tliet ulied fis-somma ta' €300 kull 4 ġimgħat. In vista ta' tali ġurisprudenza u tal-likwidazzjoni ta' manteniment fl-istess kawżi u in vista tal-fatt li r-rikorrenti ssostni (u l-esponenti tagħti kredibilita' lill-istess verżjoni mogħtija mir-rikorrenti) li l-intimat ma jikkontribwixxi bl-ebda mod, l-esponenti hija tal-fehma li l-intimat għandu jiġi ordnat iħallas is-somma ta' €250 kull xahar bħala manteniment għall-istess minuri.

**<u>Dwar is-Sitt Talba</u>**

Din it-talba hija relatata mal-arretrati ta' manteniment versu l-minuri li l-intimat ilu ma jħallas lir-rikorrenti. B'referenza għall-affidavit tar-rikorrenti, l-esponenti tirrileva li r-rikorrenti ssemmi żewġ digrieti ta' din l-Onorabbli Qorti relatati mal-ordni ta' ħlas ta' manteniment. Dawn huma d-Digriet datat it-8 ta' Mejju tas-sena 2011 fejn l-intimat ġie ordnat iħallas is-somma ta' €233 fix-xahar u Digriet ieħor datat il-5 ta' Lulju 2011, dan il-manteniment ġie ridott għas-somma ta' €140 fix-xahar.

L-esponenti tagħmel referenza għall-affidavit tar-rikorrenti esebit in atti fejn għal darba darbtejn tiddikjara li l-intimat qatt ma ħallas manteniment għall-minuri. Iżda għall-finijiet ta' kwantifikazzjoni ta' arretrati, l-esponenti tirrileva li dak li huwa kwantifikabbli jirrisali lura għat-8 ta' Mejju 2011 u

---

[13] Deċiża mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar it-8 ta' Novembru 2012

[14] Deċiża mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar l-20 ta' April 2008

ċioe' d-data tal-ewwel Digriet relattiv għall-manteniment versu l-minuri. Dan qiegħed jingħad ukoll in vista tal-fatt li r-rikorrenti ma ressqet ebda nota ġuramentata dwar l-ispejjeż li hija tinkorri għall-istess minuri, speċjalment għall-perjodu li ma jkoprix id-Digriet u konsegwentement, l-esponenti m'hijiex f'posizzjoni li tillikwida u tasal għal somma ta' arretrati ta' manteniment dovut fin-nuqqas ta' tali prova. Lanqas ma jista' jsir eżerċizzju dwar l-ispejjeż inkorsi mir-rikorrenti mid-data li fiha l-intimat telaq mir-residenza tagħha u dan *stante* li għal darb'oħra, r-rikkorrenti tonqos milli ġġib prova tal-istess.

Għalhekk, in vista ta' dak suespost, l-esponenti umilment tirrileva li fl-umli opinjoni tagħha, l-intimat għandu jħallas arretrati skond id-digrieti hawn imsemmija u mid-dati tal-istess digrieti sal-ġurnata odjerna bil-mod indikat fl-istess digrieti."

Ghaldaqstant, u ghar-rugnijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi :

1) Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri J Al D esklussivament f'idejn ir-rikorrenti ommu. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-parti tal-ewwel talba li hija relatata mal-aċċess favur l-intimat (*stante* n-nota tar-rikorrenti datata t-30 ta' Ottubru 2012);

2) Tilqa' t-tieni talba;

3) Tilqa' t-tielet talba u tisvesti lill-intimat mill-awtorita' tal-ġenitur a tenur tal-Artikolu 154 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta b'dan li tvesti l-awtorita' kollha ta' ġenitur b'mod esklussiv f'idejn ir-rikorrenti hekk kif mitlub;

4) Tastejni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba *stante* li din diġa' ġiet deċiża minn din l-Onorabbli Qorti nhar l-14 ta' Marzu 2012;

5) Tilqa' l-ħames talba u tiffissa manteniment versu l-minuri fl-ammont ta' €250 kull xahar, liema manteniment għandu jitħallas mill-intimat lir-rikorrenti u għandu jgħola skond kull sentejn skond l-indiċi tal-ħajja;

6) Tilqa' s-sitt talba u tikkundanna lill-intimat iħallas l-arretrati kollha dovuti lir-rikorrenti bħala manteniment għall-minuri u dan bil-mod segwenti:

(a) Mit-8 ta' Mejju 2011 sal-4 ta' Lulju 2011, fl-ammont ta' €233 fix-xahar u l-ekwivalenti fi ġranet għall-istess perjodu;

(b) Mill-5 ta' Lulju 2011 sal-ġurnata ta' qabel il-pronunzjament tas-sentenza fl-ismijiet premessi fl-ammont ta' €140 fix-xahar u l-ekwivalenti fi ġranet għall-istess perjodu;

Bl-ispejjeż hekk kif mitluba kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------